SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

15 ta' Settembru 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Artikolu 178(a) — Dritt għal tnaqqis — Modalitajiet ta' eżerċizzju — Artikolu 226(6) u (7) — Kontenut li obbligatorjament għandu jidher fuq il-fattura — Portata u natura tas-servizzi pprovduti — Data li fiha twettqet il-provvista ta' servizzi"

Fil-Kawża C-516/14,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD) [tribunal ta' arbitraġġ fil-qasam fiskali (ċentru għall-arbitraġġ amministrattiv), il-Portugall], permezz ta' deċiżjoni tat-3 ta' Novembru 2014, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Novembru 2014, fil-proċedura

**Barlis 06 – Investimentos Imobiliários e Turísticos SA**

vs

**Autoridade Tributária e Aduaneira,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President tal-Awla, C. Lycourgos, E. Juhász, C. Vajda (Relatur) u K. Jürimäe, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-14 ta' Jannar 2016,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Barlis 06 – Investimentos Imobiliários e Turísticos SA, minn P. Braz, avukat,

— għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes u R. Campos Laires kif ukoll minn A. Cunha, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Lozano Palacios u P. Guerra e Andrade, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-18 ta' Frar 2016,

* Lingwa tal-kawża: il-Portugiż.

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 178(a) u tal-Artikolu 226(6) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Barlis 06 – Investimentos Imobiliários e Turísticos SA (iktar 'il quddiem "Barlis") u l-Autoridade Tributária e Aduaneira (awtorità fiskali u tad-dwana, il-Portugall) dwar ir-rifjut ta' din tal-aħħar li tammetti t-tnaqqis tat-taxxa tal-input fuq il-valur miżjud (VAT) imħallsa minn Barlis bħala destinatarju tas-servizzi legali pprovduti minn uffiċċju tal-avukati, minħabba li l-fatturi maħruġa minn dan l-uffiċċju ma kinux jissodisfaw ir-rekwiżiti proċedurali previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

### Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

3 L-Artikolu 64(1) tad-Direttiva 2006/112/KE jipprevedi:

"Fejn din twassal għal dikjarazzjonijiet suċċessivi ta' kont jew ħlasijiet suċċessivi, il-provvista ta' merkanzija [oġġetti], ħlief dik li tikkonsisti fil-kiri ta' merkanzija għal ċertu perijodu jew il-bejgħ ta' merkanzija fuq termini differiti, kif imsemmi fil-punt (b) ta' l-Artikolu 14(2), jew il-provvista ta' servizzi għandhom jitqiesu bħala kompluti ma' l-iskadenza tal-perijodi li għalihom jirrelataw dawn id–dikjarazzjonijiet ta' kont jew ħlasijiet."

4 Skont l-Artikolu 168 ta' din id-direttiva:

"Sakemm il-merkanzija [oġġetti] u s-servizzi jintużaw għall-iskopijiet tat-transazzjonijiet taxxabbli ta' persuna taxxabbli, il-persuna taxxabbli għandha tkun intitolata, fl-Istat Membru li fih twettaq dawn it-transazzjonijiet, li tnaqqas mill-VAT li għandha tħallas dan li ġej:

a) il-VAT dovuta jew imħallsa f'dak l-Istat Membru rigward provvisti li sarulha ta' merkanzija jew servizzi, li twettqu jew li għad iridu jitwettqu minn persuna taxxabli oħra;

[…]"

5 L-Artikolu 178 tal-imsemmija direttiva huwa fformulat kif ġej:

"Biex teżerċita d-dritt ta' tnaqqis, persuna taxxabbli għandha tissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

a) għall-finijiet ta' tnaqqis skont l-Artikolu 168(a), fir-rigward tal-provvista ta' merkanzija [oġġetti] jew servizzi, hi għandha jkollha fattura imħejjija skont l-Artikoli 220 sa 236 u l-Artikoli 238, 239 u 240;

[…]"

6 L-Artikolu 219 ta' din l-istess direttiva jiddisponi li kwalunkwe dokument jew messaġġ li jemenda u jirreferi speċifikament u mingħajr ambigwità għall-fattura inizjali għandu jitqies bħala fattura.

7 Skont l-Artikolu 220 tad-Direttiva 2006/112:

"Kull persuna taxxabbli għandha tiżgura li, fir-rigward ta' dak li ġej, tinħareġ fattura, jew hi nnifisha jew mill-konsumatur tagħha jew, f'isimha u għan-nom tagħha, minn parti terza:

1) provvisti ta' merkanzija [oġġetti] jew servizzi li hi tkun għamlet lil persuna taxxabbli oħra jew lil persuna legali mhux taxxabbli;

[…]"

8 L-Artikolu 226 ta' din id-direttiva jipprevedi:

"Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet partikolari stabbiliti f'din id-Direttiva, dawn id-dettalji li ġejjin biss huma meħtieġa għall-finijiet ta' VAT fuq fatturi maħruġa skont l-Artikoli 220 u 221

[…]

6) il-kwantità u n-natura tal-merkanzija [oġġetti] provduta jew il-limitu u n-natura tas-servizzi mogħtija;

7) id-data li fiha l-provvista ta' merkanzija jew servizzi kienet saret jew tlestiet jew id-data li fiha l-ħlas akkont imsemmi fil-punti (4) u (5) ta' l-Artikolu 220 kien sar, sakemm dik id-data tkun tista' tkun iddeterminata u tkun differenti mid-data tal-ħruġ tal-fattura;

[…]"

9 L-Artikolu 273 tal-imsemmija direttiva jiddisponi:

"L-Istati Membri jistgħu jimponu obbligi oħrajn li jidhrulhom meħtieġa biex jiżguraw il-ġbir korrett ta' VAT u biex ma ssirx frodi, soġġett għall-ħtieġa ta' trattament indaqs bejn transazzjonijiet domestiċi u transazzjonijiet li jsiru bejn Stati Membri minn persuni taxxabbli u sakemm dawn l-obbligi, fin-negozju bejn Stati Membri, ma jagħtux lok għal formalitajiet konnessi mal-qsim ta' fruntieri.

L-għażla skont l-ewwel paragrafu ma tistax tintuża biex timponi obbligi tal-fatturazzjoni addizzjonali aktar minn dawk stabbiliti fil-Kapitolu 3."

*Id-dritt Portugiż*

10 Jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li l-Artikolu 36(5)(b) tal-Código do IVA (kodiċi tal-VAT) jiddisponi li l-fatturi għandhom jinkludu "d-deskrizzjoni standard tal-oġġetti kkunsinnati u tas-servizzi pprovduti, bl-inklużjoni tal-elementi neċessarji għad-determinazzjoni tat-taxxa applikabbli".

11 Huwa biss meta fattura b'mod partikolari tissodisfa dawn ir-rekwiżiti msemmija fil-kodiċi tal-VAT li jeżisti, konformement mal-Artikolu 19(2)(a) u (6) ta' dan l-istess kodiċi, dritt għal tnaqqis tal-VAT imsemmija fil-fattura.

**Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

12 Barlis, li għandha s-sede tagħha f'Lisbona (il-Portugall), topera lukandi b'ristoranti.

13 Bejn is-sena 2008 u s-sena 2010, Barlis għamlet użu mis-servizzi legali ta' kumpannija ta' avukati (iktar 'il quddiem is-"servizzi legali inkwistjoni"), li kienu s-suġġett ta' erba' fatturi (iktar 'il quddiem il-"fatturi inkwistjoni") li fihom id-deskrizzjonijiet li ġejjin:

— fattura Nru°02170/2008 tas-26 ta' Awwissu 2008: "servizzi legali pprovduti mill-1 ta' Diċembru 2007 sa llum";

— fattura Nru°32100478 tas-17 ta' Diċembru 2008: "onorarji għal servizzi legali pprovduti minn Ġunju sa llum";

— fattura Nru°32101181 tad-29 ta' April 2009: "onorarji għal servizzi legali pprovduti sa llum" u

— fattura Nru°32104126 tat-2 ta' Ġunju 2010: "servizzi legali pprovduti mill-1 ta' Diċembru 2009 sa llum".

14 Barlis eżerċitat id-dritt tagħha għal tnaqqis tal-VAT indikat f'dawn il-fatturi.

15 Wara talba għar-rimbors tal-VAT imressqa minn Barlis, l-awtoritajiet kompetenti fetħu proċeduri ta' kontroll għas-snin 2008 sa 2011. Wara dawn il-kontrolli, dawn l-awtoritajiet qiesu li Barlis ma kinitx intitolata li tnaqqas il-VAT fuq is-servizzi legali inkwistjoni għar-raġuni li d-deskrizzjonijiet fuq il-fatturi inkwistjoni, maħruġa mill-avukati ta' Barlis, kienu insuffiċjenti. Għaldaqstant, dawn l-awtoritajiet ipproponew korrezzjonijiet tal-VAT li jammontaw għal EUR 8689.49, li jirrappreżenta l-ammonti ta' VAT imnaqqsa għal dawn is-servizzi legali.

16 Barlis ġiet informata bil-possibbiltà li teżerċita d-dritt tagħha għal smigħ preliminari u pproduċiet id-dokumenti annessi li jinkludu preżentazzjoni iktar dettaljata tas-servizzi legali inkwistjoni.

17 L-awtoritajiet kompetenti, madankollu, żammew il-korrezzjonijiet proposti, minħabba li l-fatturi inkwistjoni ma kinux kompluti. Skont dawn l-awtoritajiet, tali nuqqas fil-forma ġuridika ma jistax jiġi rrimedjat permezz taż-żieda ta' annessi li jattestaw elementi neqsin, peress li dawn ma jistgħux jitqiesu bħala "dokumenti ekwivalenti" għall-fatturi. Fil-fatt, tali "dokumenti ekwivalenti" għandhom, minnhom infushom, jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa mill-Artikolu 36(5) tal-Kodiċi tal-VAT, li ma huwiex il-każ ta' sempliċi anness.

18 Fil-31 ta' Mejju 2013, Barlis ippreżentat appell intern kontra din id-deċiżjoni, li ġie miċħud b'deċiżjoni tal-25 ta' Settembru 2013 fuq il-bażi li l-indikazzjoni "servizzi legali" fuq fil-fatturi inkwistjoni ma kinitx tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 226(6) tad-Direttiva 2006/112, u lanqas dawk tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplementaw din id-direttiva, peress li l-kontenut la kien jindika fid-dettall is-servizzi li kienu pprovduti u lanqas kemm-il prestazzjoni individwali jew totali ta' dawn ġew ipprovduti.

19 Wara ċ-ċaħda tal-appell intern tagħha, fit-30 ta' Diċembru 2013, Barlis talbet għall-kostituzzjoni ta' tribunal ta' arbitraġġ b'imħallef uniku.

20 Adita f'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju, it-Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD) [tribunal ta' arbitraġġ fil-qasam fiskali (ċentru għall-arbitraġġ amministrattiv), il-Portugall], qieset li hija stess għandha tiddetermina jekk il-kontenut tal-fatturi inkwistjoni jissodisfax il-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Artikolu 36(5)(b) tal-kodiċi tal-VAT, li jiddisponi li l-fatturi għandhom jinkludu "d-deskrizzjoni standard tal-oġġetti kkunsinnati u tas-servizzi pprovduti, bl-inklużjoni tal-elementi neċessarji għad-determinazzjoni tat-taxxa applikabbli".

21 Din il-qorti madankollu tosserva li l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha tkun konformi mal-Artikolu 226 tad-Direttiva 2006/112, li telenka b'mod eżawrjenti l-kontenut li għandu jidher fuq il-fatturi maħruġa għall-finijiet tal-VAT, li fosthom hemm, fl-Artikolu 226(6), il-"kwantità u n-natura tal-merkanzija [oġġetti] provduta jew il-limitu u n-natura tas-servizzi mogħtija".

22 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD) tribunal ta' arbitraġġ fil-qasam fiskali ċentru għall-arbitraġġ amministrattiv], iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġusitizzja d-domanda preliminari segwenti:

"L-interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 226(6) tad-Direttiva [2006/112] tippermetti lill-[awtorità fiskali u tad-dwana] tikkunsidra bħala insuffiċjenti d-deskrizzjoni fil-fattura li tinkludi l-kliem "servizzi legali pprovduti minn data speċifika sa llum" jew inkella "servizzi legali pprovduti sa llum", fid-dawl tal-fatt li din l-awtorità tista', taħt il-prinċipju ta' kollaborazzjoni, tikseb l-elementi supplimentari ta' informazzjoni li hija tqis li huma neċessarji sabiex jiġu kkonfermati l-eżistenza u l-karatteristiċi ddettaljati tat-tranżazzjonijiet?"

## Fuq id-domanda preliminari

23 L-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li d-domanda preliminari tikkonċerna espressament biss l-Artikolu 226(6) tad-Direttiva 2006/112. Sabiex tagħti lill-qorti tar-rinviju risposta utli li tkun tippermettilha taqta' d-deċiżjoni li hija adita biha, huwa madankollu wkoll utli li jiġu inklużi fl-analiżi li trid issir l-Artikolu 178(a) u l-Artikolu 226(7) tad-Direttiva 2006/112. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-missjoni li tinterpreta d-dispożizzjonijiet kollha tad-dritt tal-Unjoni li l-qrati nazzjonali għandhom bżonn sabiex jiddeċiedu l-kawżi li jkollhom quddiemhom, anki jekk dawn id-dispożizzjonijiet ma jkunux espressament imsemmija fid-domandi li jsirulha minn dawn il-qrati (sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, Abcur, C-544/13 u C-545/13, EU:C:2015:481, punt 33).

24 Id-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju għandha żewġ partijiet, li jeħtieġ li jiġu eżaminati separatament. Permezz tal-ewwel parti tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 226 tad-Direttiva 2006/112 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-fatturi li jinkludu biss il-kliem "servizzi legali pprovduti minn [data speċifika] sa llum" jew inkella "servizzi legali pprovduti sa llum", bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, humiex konformi mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 226(6) u (7). Permezz tat-tieni parti tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 178(a) tad-Direttiva 2006/112 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-awtoritajiet fiskali nazzjonali milli jkunu jistgħu jirrifjutaw id-dritt għal tnaqqis tal-VAT għas-sempliċi raġuni li l-persuna taxxabbli għandha fattura li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet mitluba mill-Artikolu 226(6) u (7) ta' din id-direttiva, meta dawn l-awtoritajiet għandhom l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jivverifikaw jekk ir-rekwiżiti sostantivi dwar dan l-eżerċizzju ta' dritt humiex issodisfatti.

### *Fuq l-ewwel parti tad-domanda, li tikkonċerna l-osservanza tal-Artikolu 226(6) u (7) tad-Direttiva 2006/112*

25 Qabel kollox għandu jiġi mfakkar li l-Artikolu 226 tad-Direttiva 2006/112 jippreċiża li, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet partikolari ta' din id-direttiva, huwa biss il-kontenut imsemmi f'dan l-artikolu li għandu jkun inkluż obbligatorjament, għall-finijiet tal-VAT, fuq il-fatturi maħruġa skont l-Artikolu 220 ta' din id-direttiva. Minn dan isegwi li ma huwiex possibbli għall-Istati Membri li jorbtu l-eżerċizzju tad-dritt għat-tnaqqis tal-VAT mal-osservanza ta' kundizzjonijiet marbuta mal-kontenut tal-fatturi li ma jkunux espressament previsti mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2010, Pannon Gép Centrum, C-368/09, EU:C:2010:441, punti 40 u 41).

26 Fl-ewwel lok, l-Artikolu 226(6) tad-Direttiva 2006/112 jeżiġi li l-fattura tindika l-portata u n-natura tas-servizzi pprovduti. Il-kliem ta' din id-dispożizzjoni jindika għalhekk li huwa obbligatorju li tiġi ppreċiżata l-portata u n-natura tas-servizzi pprovduti, mingħajr ma madankollu jkun ippreċiżat li huwa neċessarju li jiġu deskritti s-servizzi speċifiċi pprovduti b'mod eżawrjenti.

27 Hekk kif l-Avukat Ġenerali rrilevat fil-punti 30, 32 u 46 tal-konklużjonijiet tagħha, l-iskop tal-kontenut li għandu dejjem jidher fuq fattura huwa li jippermetti lill-awtoritajiet fiskali li jikkontrollaw il-ħlas tat-taxxa dovuta u, fejn ikun applikabbli, l-eżistenza tad-dritt għal tnaqqis tal-VAT. Huwa għalhekk fid-dawl ta' dan il-għan li għandu jiġi analizzat jekk il-fatturi, bħal dawk il-fatturi inkwistjoni fil-kawża prinċipali, humiex konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 226(6) tad-Direttiva 2006/112.

28 Fil-kawża prinċipali, jekk il-fatturi inkwistjoni jiddefinixxu s-servizzi pprovduti bħala "servizzi legali", xorta jibqa' l-fatt li, hekk kif innotat mill-Gvern Portugiż fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, dan il-kunċett ikopri numru wiesa' ta' servizzi, u b'mod partikolari servizzi li mhux bilfors jagħmlu parti mill-attività ekonomika. Minn dan isegwi li l-kliem "servizzi legali pprovduti minn [data speċifika] sa llum" jew inkella "servizzi legali pprovduti sa llum", ma jidhirx li tindika b'mod iddettaljat biżżejjed in-natura tas-servizzi inkwistjoni. Barra minn hekk, dan il-kontenut huwa tant ġenerali li ma jidhirx li juri l-portata tas-servizzi pprovduti, għar-raġunijiet indikati mill-Avukat Ġenerali fil-punti 60 sa 63 tal-konklużjonijiet tagħha. Għalhekk, dan il-kontenut ma jissodisfax, *a priori*, il-kundizzjonijiet mitluba mill-Artikolu 226(6) tad-Direttiva 2006/112, li huwa għall-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

29 Fit-tieni lok, l-Artikolu 226(7) tad-Direttiva 2006/112 jeżiġi li l-fattura tinkludi d-data li fiha saret jew tlestiet il-provvista ta' servizzi.

30 Dan ir-rekwiżit għandu wkoll jiġi interpretat fid-dawl tal-għan imfittex mill-impożizzjoni ta' dan il-kontenut obbligatorju fuq il-fattura, kif previst fl-Artikolu 226 tad-Direttiva 2006/112, li huwa, kif ġie mfakkar fil-punt 27 ta' din is-sentenza, li jippermetti lill-awtoritajiet fiskali li jikkontrollaw il-ħlas tat-taxxa dovuta u, fejn applikabbli, id-dritt għal tnaqqis tal-VAT. Għal dan il-għan, id-data tal-provvista ta' servizzi li huma s-suġġett ta' din il-fattura tippermetti li jiġi kkontrollat meta seħħ il-fatt taxxabbli u għalhekk li jiġu ddeterminati d-dispożizzjonijiet fiskali li għandhom, mil-lat temporali, japplikaw għat-transazzjoni li tirrigwarda dan id-dokument.

31 F'dan il-każ, jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li s-servizzi legali li kienu s-suġġett tal-fatturi inkwistjoni fil-kawża prinċipali wasslu għall-komputazzjonijiet jew għall-ħlasijiet suċċessivi. L-Artikolu 64 tad-Direttiva 2006/112 jipprevedi li tali provvisti ta' servizzi huma kkunsidrati bħala kompluti fil-mument tal-iskadenza tal-perijodi li għalihom dawn il-komputazzjonijiet jew ħlasijiet jikkonċernaw. Għalhekk, sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 226(7) tad-Direttiva 2006/112, huwa imperattiv li dawn il-perijodi jissemmew fuq il-fatturi relatati ma' dawn il-provvisti.

32 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-fatturi inkwistjoni dwar "servizzi legali pprovduti minn [data speċifika] sa llum" jidhru li jippreċiżaw il-perijodu ta' komputazzjoni. Madankollu, waħda minn dawn il-fatturi inkwistjoni tinkludi biss il-kliem "servizzi legali pprovduti sa llum". Din il-fattura ma ssemmix id-data tal-bidu tal-perijodu inwkistjoni u għalhekk ma tippermettix li jiġi ddeterminat il-perijodu li għalih il-komputazzjoni inkwistjoni tirrigwarda.

33 Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li fattura li tinkludi biss il-kliem "servizzi legali pprovduti sa llum", mingħajr ma tippreċiża l-ebda data ta' bidu tal-perijodu ta' komputazzjoni, ma tissodisfax il-kundizzjonijiet mitluba mill-Artikolu 226(7) tad-Direttiva 2006/112.

34 Madankollu, hija l-qorti tar-rinviju, jekk hija tikkonstata li l-fatturi inkwistjoni ma jissodisfawx ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 226(6) u (7) ta' din id-direttiva, li għandha tivverifika jekk id-dokumenti annessi prodotti minn Barlis jinkludu preżentazzjoni iktar dettaljata tas-servizzi legali inkwistjoni fil-kawża prinċipali u għalhekk jistgħu jiġu ttrattati bħala fattura skont l-Artikolu 219 ta' din id-direttiva bħala dokumenti li jimmodifikaw il-fattura inizjali u li jirreferu speċifikament għaliha u b'mod mhux ekwivoku.

35 Jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti li r-risposta għall-ewwel parti tad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 226 tad-Direttiva 2006/112 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-fatturi li jinkludu biss il-kliem "servizzi legali pprovduti minn [data speċifika] sa llum", bħal dawk

inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma humiex konformi, *a priori*, mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 226(6) u li fatturi li jinkludu biss il-kliem "servizzi legali pprovduti sa llum" ma huma, *a priori*, la konformi mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 226(6) u lanqas ma' dawk imsemmija fl-Artikolu 226(7), li huwa madankollu għall-qorti tar-rinviju li tivverifika.

*Fuq it-tieni parti tad-domanda, dwar il-konsegwenzi ta' fattura li ma tissodisfax ir-rekwiżiti mitluba mill-Artikolu 226(6) u (7) tad-Direttiva 2006/112 għall-eżerċizzju tad-dritt għal tnaqqis tal-VAT.*

36 Permezz tat-tieni parti tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tfittex li tistabbilixxi l-konsegwenzi ta' nuqqas ta' osservanza tal-Artikolu 226(6) u (7) tad-Direttiva 2006/112 fuq l-eżerċizzju tad-dritt għal tnaqqis tal-VAT.

37 Hemm lok li jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-dritt tal-persuni taxxabbli, li huma responsabbli għall-ħlas tal-VAT tal-input, għal tnaqqis tal-VAT, VAT li hija dovuta jew imħallsa għall-oġġetti mixtrija u għas-servizzi riċevuti minnhom, jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tas-sistema komuni tal-VAT stabbilita mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni (sentenza tat-13 ta' Frar 2014, Maks Pen, C-18/13, EU:C:2014:69, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet repetutament li d-dritt għal tnaqqis tal-VAT previst fl-Artikoli 167 *et seq* tad-Direttiva 2006/112 jagħmel parti integrali mill-mekkaniżmu tal-VAT u bħala prinċipju ma jistax jiġi limitat. Dan jiġi eżerċitat immedjatament għat-taxxi kollha li jolqtu t-tranżazzjonijiet relatati mal-input (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Frar 2014, Maks Pen, C-18/13, EU:C:2014:69, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 Is-sistema ta' tnaqqis hija intiża sabiex l-imprenditur jinħeles għalkollox mill-piż tal-VAT dovuta jew imħallsa fil-kuntest tal-attivitajiet ekonomiċi tiegħu kollha. Is-sistema komuni tal-VAT konsegwentement tiggarantixxi n-newtralità fir-rigward tal-piż fiskali tal-attivitajiet ekonomiċi kollha, irrispettivament mill-għanijiet u mir-riżultati ta' dawn l-attivitajiet, sakemm l-imsemmija attivitajiet ikunu, bħala prinċipju, huma stess suġġetti għall-VAT (sentenza tat-22 ta' Ottubru 2015, PPUH Stehcemp, C-277/14, EU:C:2015:719, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 F'dak li jikkonċerna r-rekwiżiti sostantivi mitluba għat-tnissil tad-dritt għal tnaqqis tal-VAT, jirriżulta mill-Artikolu 168(a) tad-Direttiva 2006/112 li l-oġġetti jew is-servizzi invokati bħala bażi ta' dan id-dritt għandhom jintużaw fir-rigward tal-outputs mill-persuna taxxabbli għall-bżonnijiet tat-tranżazzjonijiet taxxabbli tagħha stess u li, bħala inputs, dawn l-oġġetti jew servizzi għandhom jiġu pprovduti minn persuna taxxabbli oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Ottubru 2015, PPUH Stehcemp, C-277/14, EU:C:2015:719, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41 F'dak li jikkonċerna r-rekwiżiti proċedurali dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt, jirriżulta mill-Artikolu 178(a) tad-Direttiva 2006/112 li l-eżerċizzju tiegħu huwa suġġett għall-pussess ta' fattura stabbilita konformement mal-Artikolu 226 ta' din id-direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-1 ta' Marzu 2012, Kopalnia Odkrywkowa Polski Trawertyn P. Granatowicz, M. Wąsiewicz, C-280/10, EU:C:2012:107, punt 41, u tat-22 ta' Ottubru 2015, PPUH Stehcemp, C-277/14, EU:C:2015:719, punt 29).

42 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-prinċipju fundamentali ta' newtralità tal-VAT jeżiġi li t-tnaqqis tat-taxxa tal-input jingħata jekk ir-rekwiżiti sostantivi jkunu ssodisfatti, minkejja l-fatt li l-persuni taxxabbli jkunu naqsu milli jissodisfaw ċerti rekwiżiti proċedurali. Għalhekk, meta l-awtorità fiskali jkollha l-informazzjoni neċessarja sabiex tistabbilixxi li r-rekwiżiti sostantivi huma ssodisfatti, din ma tistax, fir-rigward tad-dritt tal-persuna taxxabbli li tnaqqas din it-taxxa, timponi kundizzjonijiet supplimentari li jista' jkollhom l-effett li jġibu fix-xejn l-eżerċizzju ta' dan id-dritt (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Ottubru 2010, Nidera Handelscompagnie, C-385/09, EU:C:2010:627, punt 42; tal-

1 ta' Marzu 2012, Kopalnia Odkrywkowa Polski Trawertyn P. Granatowicz, M. Wąsiewicz, C-280/10, EU:C:2012:107, punt 43, u tad-9 ta' Lulju 2015, Salomie u Oltean, C-183/14, EU:C:2015:454, punti 58 u 59 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

43 Minn dan isegwi li l-awtorità fiskali ma tistax tirrifjuta d-dritt għal tnaqqis tal-VAT għas-sempliċi raġuni li fattura ma tissodisfax ir-rekwiżiti mitluba mill-Artikolu 226(6) u (7) tad-Direttiva 2006/112, jekk hija għandha l-informazzjoni kollha sabiex tivverifika li l-kundizzjonijiet sostantivi għal dan id-dritt huma ssodisfatti.

44 F'dan ir-rigward, l-awtorità fiskali ma tistax tillimita ruħha għall-eżami tal-fattura nnifisha. Hija għandha wkoll tqis l-informazzjoni komplementari pprovduta mill-persuna taxxabbli. Din il-konstatazzjoni hija kkonfermata mill-Artikolu 219 tad-Direttiva 2006/112, li tindika li kwalunkwe dokument jew messaġġ li jemenda u jirreferi speċifikament u mingħajr ambigwità għall-fattura inizjali għandu jitqies bħala fattura.

45 Fil-kawża prinċipali, hija għaldaqstant il-qorti tar-rinviju li għandha tikkunsidra l-informazzjoni kollha inkluża fil-fatturi inkwistjoni u fid-dokumenti annessi prodotti minn Barlis sabiex tivverifika jekk il-kundizzjonijiet sostantivi tad-dritt tagħha għal tnaqqis tal-VAT humiex issodisfatti.

46 F'dan il-kuntest, fl-ewwel lok għandu jiġi enfasizzat, li hija l-persuna taxxabbli li titlob it-tnaqqis tal-VAT li għandha tistabbilixxi li hija tissodisfa r-rekwiżiti previsti sabiex tibbenefika minn dan (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Evita-K, C-78/12, EU:C:2013:486, punt 37). L-awtoritajiet fiskali jistgħu għalhekk jitolbu lill-persuna taxxabbli stess li tipproduċi l-provi li huma jikkunsidraw neċessarji sabiex jevalwaw jekk hemmx lok jew le li tingħata t-tnaqqis mitlub (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Settembru 2007, Twoh International, C-184/05, EU:C:2007:550, punt 35).

47 It-tieni nett, għandu jiġi ppreċiżat li l-Istati Membri huma kompetenti sabiex jipprevedu sanzjonijiet fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza mar-rekwiżiti proċedurali dwar l-eżerċizzju tad-dritt għal tnaqqis tal-VAT. Skont l-Artikolu 273 tad-Direttiva 2006/112, l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri sabiex jiżguraw il-ġbir korrett tat-taxxa u sabiex jipprevjenu l-frodi bil-kundizzjoni li miżuri bħal dawn la ma jmorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkisbu tali għanijiet u lanqas ma jqiegħdu fid-dubju n-newtralità tal-VAT (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Lulju 2015, Salomie u Oltean, C-183/14, EU:C:2015:454, punt 62).

48 B'mod partikolari, id-dritt tal-Unjoni ma jżommx lill-Istati Membri milli jimponu, jekk ikun meħtieġ, multa jew sanzjoni pekunjarja proporzjonata għall-gravità tal-ksur sabiex ikun issanzjonat il-ksur tar-rekwiżiti proċedurali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Lulju 2015, Salomie u Oltean, C-183/14, EU:C:2015:454, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).

49 Jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti li r-risposta għat-tieni parti tad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 178(a) tad-Direttiva 2006/112 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-awtoritajiet fiskali nazzjonali milli jkunu jistgħu jirrifjutaw id-dritt għal tnaqqis tal-VAT għas-sempliċi raġuni li l-persuna taxxabbli għandha fattura li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet mitluba mill-Artikolu 226(6) u (7) ta' din id-direttiva, meta dawn l-awtoritajiet għandhom l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex jivverifikaw jekk il-kundizzjonijiet sostantivi dwar dan l-eżerċizzju ta' dritt humiex issodisfatti.

## Fuq l-ispejjeż

50 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 226 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-fatturi li jinkludu biss il-kliem "servizzi legali pprovduti minn [data speċifika] sa llum", bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma humiex konformi, *a priori*, mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 226(6) u li fatturi li jinkludu biss il-kliem "servizzi legali pprovduti sa llum" ma huma, *a priori*, la konformi mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 226(6) u lanqas ma' dawk imsemmija fl-Artikolu 226(7), li huwa madankollu għall-qorti tar-rinviju li tivverifika.**

**L-Artikolu 178(a) tad-Direttiva 2006/112 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-awtoritajiet fiskali nazzjonali milli jkunu jistgħu jirrifjutaw id-dritt għal tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud għas-sempliċi raġuni li l-persuna taxxabbli għandha fattura li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet mitluba mill-Artikolu 226(6) u (7) ta' din id-direttiva, meta dawn l-awtoritajiet għandhom l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex jivverifikaw jekk il-kundizzjonijiet sostantivi dwar dan l-eżerċizzju ta' dritt humiex issodisfatti.**

Firem